# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 10 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 501/01**

**Numru 1**

**Pater Finance Co Ltd**

**vs**

**Ian Zahra u martu Liliana Zahra**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u lira (Lm701) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali, wahda ta' Lm71 u l-ohrajn ta' Lm90 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm18, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet minn fol 2 sa 9 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-2 ta' Lulju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm701.00,0 bl-imghax legali ammontanti ghal Lm18 mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala sas-16 ta' April 2001 u b'dak ulterjuri mill-17 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg